# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI
## Maġistrat Dr. Simone Grech LL.D., M.Jur

## Kawża numru 216/2020

## Il-Pulizija
## (Spettur Bernard Charles Spiteri)

**vs**

## Ali Muftah

**Illum, 7 ta' Lulju 2020**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Ali Muftah ta' 28 sena iben Sasi u Hania Mohamed nee' Salem, imwieled il-Libja, nhar it-18 ta' Awwissu 1991 u residenti 'Capital Res' Blk A, Fl3, Triq Karolina Cauchi, Rabat, Għawdex u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 182789A fejn ġie akkużat talli:

> *27 ta' Gunju 2020 ghall-habta ta' l-4.00am u fil-hinijiet ta' qabel waqt li kien qieghed fi triq Manoel De Vilhena, fl-inhawi tal-port tal-Imgarr, limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex u/jew fil-gzira ta' Ghawdex;*
>
> 1. *Inqast milli thares xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest impost fuqek mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Magistrat Dr Joseph Mifsud LL.D) b' digriet ta' nhar it-28 ta' Mejju 2020 u dan bi ksur ta' 579(1) tal-Kapitolu 9.*
>
> *Il-qorti hija mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Muftah Ali u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna s-*

*somma bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulate fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet il-provi.

Semgħet sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tagħmel referenza għall-prinċipji legali u ġurisprudenza li saret referenza għalihom fis-sentenza ta' din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs Maverick Azzopardi deċiża fil-31 ta' Jannar 2019 fejn ġie senjalat is-segwenti:

*Il-ligi taghna bl-Artikolu 579(1) tal-Kodici Kriminali, taghti gwida lill-Qrati Kriminali illi f'kaz ta' ksur tal-beneficcju tal-helsien mill-arrest,tqis il-gravita` tal-ksur tal-kundizzjonijiet imposti bid-digriet taghha u ghandha tikkonsidera l-fatturi kollha.*

*L-iskop tal-beneficcju tal-helsien mill-arrest huwa essenzjalment wiehedu cioe' illi l-persuna tidher ghal kull att tal-procediment. Sal-mument tas-sentenza hija ghadha prezunta innocenti minkejja l-akkuzi illi jkunu saru kontra taghha. Mela r-raguni ta' garanzija illi trid tinghata u anke tal-kundizzjonijiet hija biex proceduralment ma jkunx hemm hsara ghall-process kriminali illi jkun gust pero` fl-istess waqt, ma jipprivax il-persuna preventivament mil-liberta` taghha.*

*Fil-kawza Il-Pulizija v. Elaine Muscat, Appell Kriminali Numru 329/2013, deciz fil-5 ta' Awwissu, 2013, intqal hekk:*

*'Illi f'dan il-kaz il-hin tal-hrug, ghalkemm huwa kundizzjoni imposta, ma kienx ta' gravita` tali illi jfixkel il-process.*

*L-esponenti taghmel riferenza ghas-sentenza Kostituzzjonali u ghall-parti konklussiva taghha u ghad-distinzjoni illi ssir bejn lArtikolu 579(1) u artikoli ohra tal-ligi fejn ikun hemm ksur ta' xi kundizzjoni – John Grima*

*kontra l-Avukat Generali, deciza finalment fis-16 ta' Marzu, 2011 u ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea. Lawrence Gatt vs Malta. Persuna illi ma toqghodx ghall-kundizzjoni illi hija biss kontorn tar-raguni principali ghall-helsien mill-arrest hija differenti minn dik illi, jew tkellem lix-xhieda jew ma tidhirx ghall-process. Fit-tieni kaz tkun qed tattakka l-process u tipperikola l-process fih innifshu."*

*Fil-kawza, Pulizija v. Tony Armando Zahra, Qorti tal-Appell, tad-9 ta' Frar 2007, il-Qorti qalet hekk dwar il-kundizzjoni ta' rinkazar f'digriet ta' helsien mill-arrest:*

*"Skond l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, il-helsien waqt pendenza tal-proceduri "jista' jkun taht kundizzjoni ta' garanziji biex jidher ghall-proceduri". Il-kundizzjoni msemmija hija kundizzjoni valida sabiex ikun hemm il-kontroll mehtieg biex jigi assigurat li l-appellant jidher ghall-proceduri peress illi tali mizura tnaqqas il-possibilita` li persuna imputata tallontana ruhha mill-pajjiz jew anke tinheba. Issir referenza wkoll ghal dak li jghidu Harris, O'Boyle u Warbrick fil-ktieb taghhom 'Law of the European Convention on Human Rights':*

*'Article 5(3) can be read as meaning that the only conditions that can be attached to release pending trial are those relating to appearance at trial. However, it would be unsatisfactory if Article 5(3) did not allow any considerations other than appearance at trial to be taken into account when allowing bail. Such an approach might work to a person's disadvantage in that it might prevent his release altogether if, for example, a condition as to the suppression of evidence or the prevention of crime were not permissible.'*

*Kondizzjoni bhal dik in kwistjoni fil-fatt hija legittima anke sabiex tipprevjeni li jigu kommessi reati ohrajn."*

*Fil-kawza Il-Pulizija v. Francis Formosa, Appell Kriminali Numru: 489/2014, deciz fil-25 ta' Frar, 2015, il-Qorti qalet hekk:*

*"L-appellant irid jiġi mfakkar l-ewwelnett illi l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest mhumiex mogħtija għalxejn, u filwaqt illi lgħan prinċipali tagħhom huwa biex jassiguraw illi dak li jkun jidher il-Qorti kull meta jiġi jitlub jagħmel dan, hemm kundizzjonijiet li dwarhom isiru konsiderazzjonijiet oħra, per eżempju biex jiġi assigurat li xhieda ma jiġux*

*avviċinati. Irid jiġi mfakkar ukoll illi d-digrieti tal-Qorti, u f'dan il-każ il-kundizzjonijiet li taħthom ġie akkordat il-ħelsien mill-arrest bid-digriet imsemmi ta' l-1 ta' Settembru 2014 u li huwa obbliga ruħu li joqgħod għalihom bil-firma tad-dikjarazzjoni appożita, għandhom jiġu osservati skrupolożament u ad litteram.*

*Naturalment il-piena konsegwenzjali għall-ksur ta' tali kundizzjonijiet għandha tkun proporzjonata għall-ksur."*

*Fil-każ deċiż mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Gatt vs Malta fis-27 ta' Lulju 2010 (finali fis-27 ta' Ottubru 2010) fejn l-imsemmi Gatt kien kiser il-kundizzjoni ta' 'curfew' f'okkażjoni waħda u ġie applikat l-artikolu 579(1) tal-Kap. 9 li permezz tiegħu ġie revokat il-ħelsien mill-arrest u ġie kundannat iħallas il-garanzija totali ta' €23,300 liema somma ma ħallasx u ġiet konvertita f'detenzjoni skond lartikolu 586 tal-Kap. 9, dik il-Qorti osservat:*

*"The Court observes that Maltese law, in respect of the circumstances in which a bail bond will be forfeited to the Government as a result of a failure to observe bail conditions (Article 579 of the CC), makes no distinction between conditions related to the primary purpose of bail, namely appearance at the trial, and conditions related to other considerations. However, it gave the authorities discretion not to apply the said provision if the breach of conditions was not of a serious nature. In the present case, where the condition breached referred to a curfew and was not connected to the primary purpose of granting bail, the Court has difficulty in understanding the authorities' decision to apply the relevant Article."*

*Din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' April 2008 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Jesmond Borg) v. Kevin Gatt:*

*"Is-subartikoli (2) sa (4) tal-Artikolu 579 – introdotti, kif ingħad, permezz ta' l-Att XVI ta' l-2006 – biddlu s-sitwazzjoni billi, oltre għall-procedura stabbilita fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 579, introducew procedura gdida. Illum il-ksur ta' kundizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet li bih tkun tat il-helsien mill-arrest jammonta wkoll għal reat. Bħal f'kull reat il-konsegwenza hija piena. Din ilpiena tista' tkun jew dik biss indikata fis-subartikolu (2) – multa jew prigunerija, jew multa u prigunerija flimkien – jew tista' tinkludi wkoll it-telfien tal-helsien mill-arrest (izda mhux*

*ilkonfiska tas-somma) fil-proceduri li fihom il-hati jkun inghata lhelsien mill-arrest preventiv. Jinghad "tista'" ghax il-legislatur ta l-fakolta` lill-Pulizija li meta jressqu lill-imputat jew akkuzat – dan irid jitressaq dejjem taht arrest – talli kiser xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-qorti, huma jistghu wkoll jitolbu "fl-istess procedimenti…ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta' dik il-persuna". U jaghmel hafna sens li jkun hemm dik il-fakolta` ghax filwaqt li kull ksur ta' kundizzjoni tal-qorti, zghir kemm ikun zghir dak il-ksur, jammonta wkoll ghal reat, ghar-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid tal-persuna in kwistjoni jibqa' dejjem applikabbli l-proviso tas-subartikolu 579(1). Fi kliem iehor, jista' jkollok sitwazzjoni fejn l-imputat jew akkuzat li kien inghata l-helsien mill-arrest jinstab hati ta' ksur ta' kundizzjoni mposta mill-qorti u jinghata l-piena skond il-ligi, izda, minhabba li l-ksur tal-kundizzjoni ma tkunx ta' konsegwenza serja, ma jkunx hemm lok ghar-revoka tal-helsien mill-arrest. Kjarament il-legislatur qed jikkontempla bhala "piena" addizzjonali ghar-reat ta' ksur ta' kundizzjoni tal-qorti – u meta jittiehdu l-proceduri skond is-subartikoli (2) u (3) ta' l-Artikolu 579 – ir-revoka tal-helsien mill-arrest bil-konsegwenti arrest mill-gdid."*

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawża l-imputat huwa akkużat li kiser il-kundizzjonijiet tal-Benefiċċju tal-Ħelsien mill-Arrest u dan stante li kien qiegħed barra meta ai termini tad-digriet tal-benefiċċju tal-Ħelsien mill-Arrest huwa kellu jkun id-dar.

Mill-provi prodotti, irriżulta li tali kundizzjoni ma ġietx osservata mill-imputat u huwa naqas li jkun bejn l-għaxra ta' filgħaxija u s-sitta ta' filgħodu. Għalhekk, din il-Qorti sejra ssib ħtija fir-rigward ta' l-imputat.

Il-Qorti wara li fliet l-atti kollha tal-kawża, il-Qorti fehmet iċ-ċirkustanzi tal-imputat li wasslu għal dawn il-proċeduri u wara li rat il-Liġi u l-fatti kollha miġjuba quddiemha, fil-kunsiderazzjoni tal-piena qieset ukoll illi l-imputat ibati mill-vizzju tad-droga, alcohol u kif ukoll qed ibati minn problemi fis-saħħa mentali tiegħu. Il-Qorti tqis li piena karċerarja effettiva ma hix idoneja f'dan il-każ. U konsegwentament, wara li rat l-artikoli 579(2) u (3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tikkundanna lil Ali Muftah għal Ordni ta' Probation taħt l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta għall-perjodu ta' tliet (3) snin millum.

Fil-każ in eżami, meqjusin dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti ma tqisx illi hemm lok tal-piena "addizzjonali" tar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u tal-konfiska tad-depożitu u tal-garanzija impost fuq l-imputat.

Il-Qorti tordna wkoll li d-Digriet anness ma' din is-sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti spjegat fi kliem ċar lill-imputat l-import ta' din is-sentenza.

(ft) Dr. Simone Grech
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

07.07.2020 – Pul216.2020 - Pulizija vs Ali Muftah
1443